**23 ta' Ġunju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony *sive* Twanny Farrugia u Christopher Shepherd

## Ammissjoni

*Ġaladarba jkun hemm ammissjoni u ġaladarba dik l-ammissjoni ma tiġix ikkontestata bħala l-frott ta' xi żball jew malintiż, bħala regola l-Qorti m'għandhiex tidħol fil-provi biex tara jekk l-akkużi jew l-imputazzjonijiet jirriżultawx sodisfaċentement ippruvati u dan peress li l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata magħmula*

*fil-Qorti - ammissjoni hekk imsejħa "ġudizzjarja" - hi l-aqwa prova tal-ħtija ta' l-akkużat jew imputat. Eċċezzjonalment, pero`, Qorti tista' tordna l-prosegwiment tal-każ minkejja l-ammissjoni ta' l-akkużat, b'mod għalhekk li ġġiegħel lill-prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha indipendentement minn tali ammissjoni.*

*L-artikolu 453 (2) tal-Kodiċi Kriminali (re: ammissjoni) jirreferi għall-Qorti Kriminali, u* ***mhux*** *espressament magħmul applikabbli għall-Qrati Inferjuri. Minkejja dan, f'din is-sentenza, l-Qorti ta' l-Appell Kriminali osservat li hi tal-fehma li kull Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha s-setgħa, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkontemplati fis-subartikolu msemmi, li, bħal Qorti Kriminali, tirrifjuta li timxi fuq l-ammissjoni ġudizzjarja.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Anthony *sive* Twanny Farrugia u Chirstopher Shepherd talli (1) f'Wied il-Għajn, fis-6 ta' Frar, 1994 għall-ħabta tad-9.00 p.m. ikkommettew serq ta' *stereo* ta' l-għamla *Roadstar* b'valur ta' aktar minn għaxar liri iżda anqas minn mitt lira minn karozza Austin Allegro ta' kulur abjad, għad-detriment ta' nies mhux magħrufa, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, ħin u xorta tal-ħaġa misruq; (2) talli fl-imsemmija data, ħin u lok, bil-ħsieb li jagħmlu delitt, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, billi ppruvaw jaqilgħu l-i*speakers* mill-imsemmija karozza, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom; (3) talli huma kkommettew reat li għalih hemm piena ta' priġunerija fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija lilhom mill-Qorti tal-Maġistrati fil-5/11/93 u fis-26/11/92, fejn kienu nstabu ħatja li kkommettew serq aggravat u ġew ikkundannati sena priġunerija sospiża għal tliet snin u tmintax-il xahar priġunerija *sospiżi għal sentejn rispettivament; (4) talli f'dawn il-Gżejjer,* matul ix-xhur immedjatament preċedenti s-16 ta' Marzu, 1994

saqu karozza V-7041 Skoda u karozza S-0762 Triumph rispettivament mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija u għalhekk ma kinux koperti b'polza tas-sigurta' kontra t-terzi persuni, l-prosekuzzjoni talbet li f'każ ta' *kundanna skond din l-imputazzjoni* l-imsemmija Farrugia u Shepherd jiġu skwalifikati milli jkollhom jew iġibu liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tnax-il xahar; (5) u, fil-konfront ta' Christopher Shepherd biss, talli huwa reċidiv fit-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza tal-Qorti *tal-Maġistrati tas-26/11/92;*

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali kif ukoll ta' l-imputati li l-każ tagħhom jiġi ttrattat bi proċedura sommarja;

Rat il-verbal irreġistrat fl-udjenza tat-30 ta' April, 1996 quddiem il-Qorti Inferjuri li fih jingħad, *inter alia*, li "l-imputati qedgħin jammettu l-akkużi kif dedotti kontra tagħhom";

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-18 ta' Ġunju, 1996 li biha dik il-Qorti, wara li ddikjarat lil Christopher Shepherd mhux ħati skond il-ħames imputazzjoni, iżda liż-żewġ imputati ħatja skond l-imputazzjonijiet l-oħra kollha, kkundannat lil Anthony *sive* Twanny Farrugia għall-piena ta' disa' (9) xhur priġunerija (li minnu għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ), ordnat li tibda fis-seħħ is-sentenza ta' sena priġunerija mogħtija bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-5 ta' Novembru, 1992 (*recte*: 1993), ikkundannatu ukoll iħallas multa ta' mitejn u ħamsin lira (Lm250) u skwalifikatu milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar; u kkundannat lil Christopher Shepherd għall-piena ta' sena priġunerija (li minnu għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ), ordnat li tibda fis-seħħ is-sentenza ta' tmintax-il xahar priġunerija

moghtija bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tas-26 ta' Novembru, 1992, ikkundannatu multa ta' mitejn u ħamsin lira (Lm250) u skwalifikatu milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' tnax-il xahar;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Christopher Shepherd, minnu ppreżentat fit-28 ta' Ġunju, 1996 li bih talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew altrimenti r-riforma taghha kwantu ghall-piena; rat ukoll ir-rikors ta' appell ta' Anthony *sive* Twanny Farrugia, ukoll ippreżentat fit-28 ta' Ġunju, 1996 li ukoll talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew altrimenti r-riforma taghha kwanu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta' April, 1997; ikkunsidrat:

Dan iż-żewġ appelli huma pjuttost strambi. L-appellant Shepherd jgħid li minkejja l-ammissjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti, l-Ewwel Qorti xorta "ghamlet apprezzament ħażin tal-liġi kif ukoll tal-fatti", u li l-element materjali tas-serq ma ġiex ippruvat. Apparti li l-appellant, b'ebda mod ma indika kif jew b'liema mod l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament ħażin tal-liġi, ġaladarba kien hemm l-ammissjoni ta' l-appellant (allura imputat) kif reġistrata fl-udjenza tat-30 ta' April, 1996, u ġaladarba dik l-ammissjoni mhux qed tiġi kkontestata bħala l-frott ta' xi żball jew malintiż, bħala regola l-Qorti - kemm l-Ewwel Qorti kif ukoll din il-Qorti - m'ghandhiex tidħol fil-provi biex tara jekk l-akkużi jew l-imputazzjonijiet jirriżultawx sodisfaċentement ippruvati u dan peress li l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata magħmula fil-Qorti - ammissjoni hekk imsejħa "ġudizzjarja" - hi l-aqwa prova tal-ħtija ta' l-akkużat jew imputat. Eċċezzjonalment, pero`, Qorti tista' tordna l-prosegwiment tal-każ minkejja l-ammissjoni ta' l-akkużat, b'mod ghalhekk li ġġieghel lill-prosekuzzjoni li tipprova l-każ

tagħha *indipendentemet* *minn* tali ammissjoni. Infatti, s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 453 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li:

"... meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat *in genere* kienx ġie tassew magħmul jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-Qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr, tordna li l-kawża titmexxa 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu ħati";

Dana l-artikolu jirreferi għall-Qorti Kriminali u mhux espressament magħmul applikabbli għall-Qrati Inferjuri (ara l-artikolu 525 tal-Kodiċi Kriminali). Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li kull Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha s-setgħa, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkontemplati fis-subartikolu imsemmi, li, bħall-Qorti Kriminali, tirrifjuta li timxi fuq l-ammissjoni ġudizzjarja. Fil-każ in diżamina, l-Ewwel Qorti, minkejja ammissjoni apparentement inkondizzjonata taż-żewġ appellanti (allura imputati) kif irreġistrata fl-udjenza tat-30 ta' April, 1996, daħlet fil-provi li kellha quddiemha għal dak li jirrigwarda l-ħames imputazzjoni (tar-reċidiva) miġjuba kontra Christopher Shepherd, tant li lliberatu minn din l-imputazzjoni. Dan jindika, għalhekk, li l-Ewwel Qorti stess ma kinitx lesta li taċċetta b'għajnejha magħluqa l-ammissjoni (għall-inqas ta' Shepherd) u fiċ-ċirkostanzi u per via eċċezzjonali ħafna, din il-Qorti ser tagħmel l-istess. Mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti tikkonkludi li l-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Christopher Shepherd ma jirriżultawx sodisfaċentement ippruvati. *Il-bqija ta' l-imputazzjonijiet* miġjuba kontra l-imsemmi Shepherd, iżda, inkluża l-imputazzjoni li kkometta reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, jirriżultaw ampjament ippruvati;

Kwantu għall-piena l-appellant Shepherd jikkontendi li hu jbati minn *personality disorder*, pero` ma tressqet ebda prova f'dan is-sens;

L-appellant Farrugia, fir-rikors tiegħu, ukoll jittanta jargumenta li, minkejja l-ammissjon tiegħu, l-Ewwel Qorti ma kellhiex issibu ħati ta' l-imputazzjoni ta' serq. Fir-rigward ta' dan l-appellant, pero`, ma japplikawx l-istess konsiderazzjonijiet ta' l-appellant l-ieħor, u għalhekk din il-Qorti ma tarax li għandha b'xi mod ma toqgħodx fuq l-ammissjoni tiegħu. Kwantu għall-piena, din il-Qorti hi tal-fehma li għal dak li jirrigwarda l-ewwel żewġ imputazzjonijiet u l-imputazzjoni ta' sewqan bla liċenzja tkun aktar ġusta l-piena ta' seba' (7) xhur priġunerija minflok dik ta' disa' xhur;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi miż-żewġ appelli billi tirriforma s-sentenza bil-mod segwenti:

Kwantu għall-appellant Christopher Shepherd, tħassaraha u tirrevokaha in kwantu sabitu ħati ta' l-ewwel żewġ imputazzjonijiet (ta' serq u ta' tentattiv ta' serq) kif ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu għall-piena ta' sena priġunerija bit-tnaqqis ta' l-arrest preventiv u minflok dik il-piena tikkundannah għall-piena ta' tliet (3) xhur priġunerija mil-lum u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija fir-rigward tiegħu (inkluża l-attivazzjoni tas-sentenza sospiża);

Kwantu għall-appellant Anthony *sive* Twanny Farrugia, tħassaraha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għall-piena ta' disa' xhur priġunerija u minflok dik il-piena tikkundannah għall-piena ta' seba' (7) xhur priġunerija li minnu għandu jitnaqqas iż-żmien li l-istess Farrugia għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija fir-rigward tiegħu (inkluża l-

attivazzjoni tas-sentenza sospiza);

Fl-aħħarnett il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tar-Reġistratur għad-debiti annotazzjonijiet skond is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali.